


# Tagħrif dwar il-Parroċċa tal-Mosta mill-kitba tal-istoriku Achille Ferris

*Is-Sur Mario Fenech*

Fil-ktieb tal-Istoriku magħruf Achille Ferris *Descrizione Storica Delle Chiesa di Malta e Gozo* niltaqgħu ma' kapitlu twil li fih l-awtur jagħtina tagħrif storiku ddettaljat dwar l-ewwel snin tat-twaqqif tal-Parroċċa tal-Mosta, kif kienet il-knisja l-antika ta' dan ir-raħal, kif ukoll tagħrif dwar il-bini tar-Rotunda.

Tagħrif ieħor huwa dak dwar it-twaqqif tal-fratellanzi f' din il-knisja fejn l-ewwel waħda li twaqqfet kienet dik tas-Santissimu Sagrament mill-Isqof Mons. Astiria nhar it-12 ta' Marzu 1675. Wara din il-fratellanza ġew imwaqqfa l-fratellanzi tal-Madonna tar-Ruzarju, ta' San Ġużepp, tal-Madonna taċ-Ċintura u tal-Qalb ta' Ġesù.

Fil-knisja hemm il-Korp Sant ta' San Pacifico li kien inġieb mill-Kappillan Dun Salv Saverio Bonnici. Kien ħareġ id-digriet biex dan ikun espost fil-Knisja għal qima tal-pubbliku Mons. Vincenzo Labini nhar it-30 ta' Awwissu 1787.

Jissemmew il-kappillani li mexxew il-parroċċa fl-ewwel snin tat-twaqqif tagħha. Il-Kappillan Dun Giovanni Bezzina maħtur mill-Isqof Tommaso Gargallo fis-sena 1610. Qabel, huwa kien għamel 20 sena jmexxi l-uffiċċju tiegħu bħala Viċi Parroku meta l-Mosta kienet tagħmel mal-Parroċċa tan-Naxxar. Dam kappillan sakemm miet nhar id-29 ta' Novembru 1617.

It-tieni kappillan kien Dun Salvatore Muscat, Duttur tal-Liġi. Inħatar mill-Isqof Cagliares fis-sena 1618. Miet nhar id-9 ta' Ġunju 1647 wara parrokat ta' 29 sena.

It-tielet kappillan tal-Parroċċa tal-Mosta kien Dun Carlo Schembri. Kien l-Isqof Balaguer li



tah din il-kariga f' Awwissu tas-sena 1647. Dam imexxi l-Parroċċa sas-sena 1671.

Din il-lista tal-ismijiet ta' kappillani li mexxew il-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Mosta tibqa' sejra sal-ħatra tal-Kappillan Dun Feliċ Calleja li kien lawreat fit-Teoloġija. Fis-sena 1792 huwa kien ġie maħtur Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal-Balzan. Fi Frar tas-sena 1797 inħatar Kappillan tal-Parroċċa tal-Mosta mill-Isqof Vincenzo Labini. Waqt l-imblokk tal-Franċiżi fis-sena 1799 huwa kien ġie maħtur rappreżentant tar-raħal tal-Mosta. Kien hu li beda x-xogħol tal-bini tal-knisja l-ġdida. Miet nhar l-20 ta' Frar 1833 fl-età ta' 82 sena. Ir-ritratt tiegħu li kien għamel l-Artist Caruana jinsab fis-sagristija tal-knisja. Meta tlestiet ir-Rotunda l-fdalijiet tiegħu tqegħdu fil-knisja fejn tpoġġiet lapida tal-irħam b' kitba ta' eloġju għalih bil-latin.

Il-kappillan ta' warajh Dun Giovanni Maria Schembri kien mill-Mosta stess u serva bħala Viċi Parrokku tar-raħal fi żmien il-Kappillan Felice Calleja mid-9 ta' Lulju 1823. Inħatar kappillan tal-Mosta fl-10 ta' Marzu 1833. Bil-ħidma tiegħu tlestiet ir-Rotunda.

Miet fl-età ta' 60 sena nhar it-28 ta' Settembru 1859. Kien għamel l-orazzjoni funebri tiegħu bil-Malti l-Viċi Kurat li mbagħad warajh kien inħatar Kappillan tal-Parroċċa tal-Mosta Dun Antonio Mallia.

Ir-ritratt tal-Kappillan Schembri li għamel l-artist G. Gallucci qiegħed fis-sagristija tal-knisja. Il-fdalijiet tiegħu tqegħdu fir-Rotunda viċin dawk tal-Kappillan ta' qablu Dun Feliċ Calleja fejn huwa mfakkar permezz ta' lapida tal-irħam b'kitba ta' tifħir bil-Latin.

Ta' min jgħid li dan il-Kappillan Schembri kien ħalla s-somma ta` 30,000 elf skud għall-bini tar-Rotunda.

Dan huwa ftit tagħrif minn dak li kiteb dwar il-Parroċċa tal-Mosta l-istoriku Achille Ferris fil-ktieb tiegħu. Aktar dwar dan it-tagħrif fl-artiklu tiegħi ta' dan il-programm tal-festa tas-sena d-dieħla.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.




